## FIL-QORTI CIVILI
## (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023**

**Rikors nru : 67/2023 AGV ;**

**MV**

**Vs**

**NV**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' divorzju** ta' MV , datat 8 ta' Frar 2023 ;

Jesponi reverentement u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fis-16 ta' Settembru 1994 fil-Kappella Pope John XXIII f'Hal-Far, limiti taz-Zurrieq (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**);

2. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed, bl-isem ta' RV li twieled fid-29 ta' Jannar 1995 u li ghalhekk illum huwa maggorenni;

3. Illi l-kontendenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet " NV vs MV " fl-1 t'Ottubru 2003 (kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. B**) u appell minn din is-sentenza ma sarx (hawn annessa nota mmarkata bhala **Dok. C**);

4. Illi fl-imsemmija sentenza l-esponent kien gie ordnat (vide pagna 18 tal-istess sentenza) sabiex jhallas lill-intimata hamsa u tletin Liri Maltin (LM35) fil-gimgha u cjoe' ghoxrin liri Maltin (LM20) ghall-bzonnijiet tal-intimata u hmistax-il Liri Maltin (Lm15) fil-gimgha bhala manteniment ghat-tifel tal-kontendenti li dak iz-zmien kien ghadu minuri.

5. Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa datat id-19 ta' Gunju 2014 l-kontendenti ftehmu illi l-ebda manteniment ma kien dovut mill-esponent stante illi l-intimata ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob manteniment minghand zewgha filwaqt illi t-tifel minuri tal-

kontendenti kien sar  maggorenni u kien f'impjieg fiss ( hawn anness kopja tal-imsemmi kuntratt li qieghed jigi mmarkat bhala **Dok. D**);

6. Illi fir-rigward tat-tifel Redeemer illi illum ghandu 28 sena, l-esponent jirrileva illi huwa dejjem hallas il-manteniment ghall-bzonnijiet tieghu liema manteniment kien jinqata' direttament mill-paga tieghu u arretrati m'hemmx;

7. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

8. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok. E**;

9. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' sentenza, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Il-Qorti rat li l-intimata ma ghandhix oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju u li tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha , u cjoe' 'F'.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar is- 16 ta' Settembru 1994**

**Tilqa it-talba tal-konvenuta li tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' 'F'.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**